REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/695

tat-2 ta' Mejju 2022

li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriżi tat-trasport

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2006/22/KE tal-15 ta Marzu 2006 dwar il-kundizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 u d-Direttiva 2002/15/KE dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1) tagħha,

Billi:

(1) L-infurzar effettiv u kosteffiċjenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar it-trasport bit-triq huwa ta' importanza kbira għat-titjib tas-sikurezza fit-toroq, tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tax-xufiera u tal-protezzjoni soċjali u għall-iżgurar ta' kompetizzjoni ġusta bejn l-impriżi tat-trasport bit-triq.

(2) Is-sistemi nazzjonali ta' klassifikazzjoni tar-riskju introdotti mill-Istati Membri biex jimmiraw aħjar il-kontrolli tal-impriżi bi klassifikazzjoni ta' riskju għoli huma bbażati fuq metodi ta' kalkolu nazzjonali differenti. Dan ixekkel il-komparabbiltà u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-punteġġi tar-riskju fil-kuntest tal-infurzar transfruntier.

(3) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/22/KE jirrikjedi li l-Kummissjoni tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' impriża.

(4) Meta tistabbilixxi din il-formula, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis il-ksur kollu li jista' jaffettwa l-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriżi, li jinkludi ksur tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), tad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), u l-ksur speċifikat fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]).

(5) Il-formula komuni jenħtieġ li tqis l-għadd, is-serjetà u l-frekwenza tal-okkorrenza ta' ksur, ir-riżultati tal-kontrolli meta ma jkun instab ebda ksur kif ukoll jekk impriża tat-trasport bit-triq kinitx qed tagħmel użu mit-takografu intelliġenti, skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, fil-vetturi kollha tagħha.

(6) Il-formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' impriża jenħtieġ li tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-armonizzazzjoni tal-prattiki ta' infurzar fl-Unjoni kollha, billi tiżgura li s-sewwieqa u l-impriżi tat-trasport kollha jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward tal-kontrolli u s-sanzjonijiet skont ir-regoli applikabbli tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 91, 29.3.2019, p. 45.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

([4]) Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

([5]) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rrispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51)..

(7) Meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu jinvolvu l-ipproċessar ta' *data* personali, dawn jenħtieġ li jitwettqu f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* personali u l-privatezza, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), u, fejn applikabbli, id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]).

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-formula komuni għall-kalkolu tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' impriża tat-trasport u r-rekwiżiti għall-applikazzjoni tagħha huma stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Mejju 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([6]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37).

ANNESS

FORMULA KOMUNI GĦALL-KALKOLU TAL-KLASSIFIKAZZJONI TAR-RISKJU TAL-IMPRIŻI TAT-TRASPORT U R-REKWIŻITI GĦALL-APPLIKAZZJONI TAGĦHA

(1) Il-klassifikazzjoni tar-riskju globali ta' impriża tat-trasport għandha tiġi kkalkulata bl-użu tal-formula komuni li ġejja:

$$R = \left(\frac{\sum_i \frac{n_{i_{MSI}} \times v_{MSI} + n_{i_{VSI}} \times v_{VSI} + n_{i_{SI}} \times v_{SI} + n_{i_{MI}} \times v_{MI}}{N_i}}{r} \right) \times g$$

Fejn:

R —	il-klassifikazzjoni tar-riskju globali tal-impriża
n —	l-għadd ta' ksur ta' tip partikolari għal kull kontroll individwali (it-tipi kollha ta' kontrolli).
i —	kontroll individwali
v —	punteġġ ponderat skont it-tip/is-serjetà tal-ksur (MI/SI/VSI/MSI)
MSI —	l-iktar ksur serju
VSI —	ksur serju ħafna
SI —	ksur serju
MI —	ksur minuri
N —	l-għadd ta' vetturi kkontrollati waqt kontroll individwali
r —	l-għadd totali ta' kontrolli fuq l-impriża
g —	ponderazzjoni għall-użu tat-takografu intelliġenti skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 165/2014

(2) Il-prinċipji u l-elementi li ġejjin għandhom jintużaw meta tiġi applikata l-formula komuni:

(3) Il-perjodu ta' żmien li matulu ksur jingħadd fil-formula, għandu jkun ta' sentejn.

(4) L-operaturi tat-trasport għandhom jiġu kklassifikati fil-meded ta' riskju li ġejjin abbażi tal-punteġġ tagħhom:

— operaturi li fuqhom ma sar l-ebda kontroll (medda griża)

— 0-100 punt: operaturi b'riskju baxx (medda ħadra)

— 101-200 punt: operaturi b'riskju medju (medda ambra)

— 201 punt jew iktar: operaturi b'riskju għoli (medda ħamra)

(5) Il-punteġġ ponderat ta' kontroll individwali ("i") għandu jiġi kkalkulat billi jiġu applikati l-fatturi ta' ponderazzjoni li ġejjin ("v") skont it-tip ta' ksur:

MI = 1

SI = 10

VSI = 30

MSI = 90

(6) Il-klassifikazzjoni tar-riskju finali ta' impriża għandha tqis l-għadd totali ta' kontrolli mwettqa ("r"), kemm mal-ġenb tat-triq kif ukoll fuq il-post tagħha, inklużi dawk il-kontrolli fejn ma ġie identifikat l-ebda ksur.

(7) Il-kontrolli fejn ma jinstab l-ebda ksur għandhom jiġu rreġistrati b'punteġġ ta' żero.

(8) Il-punteġġ ponderat ta' kontroll individwali għandu jqis il-vetturi kollha kkontrollati ("N").

(9) Id-data tal-ksur li titqies fil-formula komuni titqies bħala d-data li fiha l-ksur ikun sar definittiv, jiġifieri ma jkunx aktar soġġett għal rieżami. Fil-formula, il-ksur għandu jingħadd darba biss.

(10) Jekk kontroll fuq il-post ta' impriża tat-trasport jistabbilixxi li l-flotta kollha tagħha hija mgħammra bit-takografu intelliġenti skont il-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, il-punteġġ finali tagħha għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 0,9 ("g").